**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

ILLUM 21 TA' FRAR 2022

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lara Butters)**
**vs.**
**Adel Said detentur ta' Numru tal-Pulizija 22LB-017**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Adel Said**, ta' 21 sena, Nazzjonalita Sirjana, iben Ammar u Atifia Sahrig, imwieled Aleppo - Syria nhar il-15 ta' Marzu, 2000, prezentament bla residenza fissa, u detentur ta' Numru tal-pulizija 22LB-017 akkuzat talli:

Fil-20 ta' Frar, 2022 u/jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer;

1. Kellhu f'idu Passaport maħruġ minn awtorità kompetenti, jew li, ittrasferixxu dan il-passaport lil persuna oħra jew irċieva passaport li ġie ittrasferit lilu minn persuna oħra (Kap 61, Sec 3 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel użu jew ittanta li jagħmlu użu minn Passaport maħruġ lil persuna oħra; (Kap 61, Sec 4 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi tah prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lil-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1c) tal-Liġijiet ta' Malta);

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha.

Semgħet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat, tramite l-interpretu, jammetti l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħetu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat u dana fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement pruvati.

Illi, meta tiġi biex tikkunsidra l-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali tal-imputat (Dok. "LB 4"), l-ammissjoni bikrija tiegħu in-natura tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat li l-Qorti tqis li huma ta' natura serja essendo rejati li jolqtu s-sigurta' tal-Istat.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 32 (1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat **Adel Said** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah ghal perijodu ta' sitt (6) xhur priġunerija.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiċħad tali talba stante li ma jirriżultax li gew imqabbda l-ebda esperti jew periti fil-proċeduri.

**Dr. Noel Bartolo**
**Maġistrat**

Mario Spiteri - Deputat Reġistratur